# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 313/15/2 LM**

**Emanuel Vella u martu Rita Vella**

**v.**

**Docklands Ltd u Victoria Park Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi Emanuel u Rita miżżewġin Vella kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Ottubru, 2019, fejn din laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpaniji konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-atturi sabiex huma jitħallsu għax-xogħlijiet u servizzi li skonthom twettqu minn Emanuel Vella fl-

interess tal-kumpaniji konvenuti.

## Daħla

2. B'rikors maħluf imressaq fis-7 ta' April, 2015, l-atturi fissru li Emanuel Vella kien direttur taż-żewġ kumpaniji konvenuti u dam f'din il-kariga sakemm tneħħa minnha fis-sena 2010. Huma tennew li fiż-żmien li matulu Emanuel Vella dam f'din il-kariga, huwa wettaq numru ta' xogħlijiet u servizzi fl-interess tal-kumpaniji konvenuti, fosthom billi qeda l-funzjoni ta' institur ta' numru ta' proġetti ta' tlugħ ta' bini u amministra u mexxa n-negozju tal-konvenuti. Issoktaw jispjegaw li ta' dan ix-xogħol u servizzi, l-attur Emanuel Vella baqa' qatt ma ġie kkumpensat, lanqas wara li huwa sejjaħ lill-kumpaniji konvenuti permezz ta' ittri uffiċjali biex iħallsuh dak li huwa dovut lilu. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Fl-ewwel lok,* ***TIDDIKJARA*** *illi l-attur wettaq u ppresta diversi xogħlijiet u servizzi fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, jew min minnhom;*
>
> *ii. Fit-tieni lok,* ***TIDDIKJARA*** *illi l-attur għandu jiġi kkumpensat u mħallas għal tali xogħlijiet u servizzi reżi lill-konvenuti, jew min minnhom;*
>
> *iii. Fit-tielet lok,* ***TILLIKWIDA*** *jew* ***TIKKWANTIFIKA*** *ammont pekunjarju a favur tal-attur li jirrappreżenta kumpens u indennizz adegwat għax-xogħlijiet u servizzi reżi fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, jew min minnhom, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *iv. Fir-raba' lok,* ***TIKKUNDANNA*** *lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex iħallsu tali kumpens u indennizz lill-attur.*
>
> ***Bl-ispejjeż*** *kontra l-konvenuti, inkużi dawk tal-ittri uffiċjali tad-*

*29.03.2011 (nru. 1028/2011), tas-17.03.2014 (nru. 811/2014) u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru mressaq fit-18 ta' Marzu, 2015 u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri li tikkompeti lill-istanti, jew l-aventi kawża minnu, kontra l-konvenuti, jew l-aventi kawża tagħhom, illi huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

3. Il-kumpaniji konvenuti ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fis-26 ta' Ġunju, 2015 u fiha qalu hekk:

*«1. Li in linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom jiddikjaraw fuq liema bażi kuntrattwali qegħdin jippretendu r-riżarċiment imsemmi minnhom, stante li dan ma ħariġx ċar mir-rikors ġuramentat tagħhom, u dan bi preġudizzju għall-esponenti;*

*2. Li mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, ir-rikorrenti ma eżerċitaw u/jew ipprestaw l-ebda xogħol fuq inkarigu tas-soċjetajiet esponenti;*

*3. Li wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, u in subordinazzjoni għall-istess, kull interess li setgħu ħadu r-rikorrenti, senjatament ir-rikorrent Emanuel Vella, ħaduh fil-kapaċità tagħhom ta' azzjonisti u fir-rigward ta' Emanuel Vella, li għal perjodu ta' sentejn kien ukoll direttur tal-imsemmija kumpannija intimati, dan kien jikkonsisti biss fl-amministrazzjoni ordinarja u mistennija minn kull azzjonist u/jew direttur ta' kumpannija privata;*

*4. Li wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, u in subordinazzjoni għall-istess, iż-żewġ diretturi tal-kumpanniji esponenti t-tnejn wettqu, minn jeddhom, dawn ix-xogħlijiet, biss ħadd minnhom ma fiżikament ħadem fuq l-uniku proġett li ġie attwat u li kellhom dawn l-istess kumpanniji, u dan peress li l-bini, il-ġestjoni u l-project management tas-sit twettaq mill-kumpanija Rite-Mix (Gatt Bros.) Ltd. (C 2821);*

*5. Li skont id-deċiżjoni mittieħda bejn l-ishmatarji, l-ebda wieħed mill-ishmatarji ma kellu jipperċepixxi xi ħlasijiet oħra mill-kummerċ ġestit mill-kumpanniji esponenti, għajr sehemhom mill-profitti hekk u meta dawn jibdew deħlin mill-kumpanniji esponenti;*

*6. Li r-rikorrent Emanuel Vella ġa approprja għalih ċertu introjtu dovut lill-kumpanniji esponenti, liema introjtu għandu jitnaqqas mill-profitti dovuti lilu, hekk u meta jsiru l-konteġġi relattivi;*

*7. Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

4. B'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet

il-kawża b'dan il-mod:

*«1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;*

*2. Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tal-attur. Fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, jirriżulta li minkejja li l-attur kien ikun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni f'San Ġwann, madanakollu ma jistax jintqal li l-preżenza tiegħu u l-interess tiegħu fit-tlestija tal-proġett inkwistjoni kienu għall-benefiċċju esklussiv tas-soċjetajiet konvenuti, ladarba jirriżulta wkoll l-interess dirett tal-attur fit-tlestija tal-imsemmija xogħlijiet, u għaldaqstant l-ewwel talba qiegħda tiġi miċħuda wkoll.*

*Spejjeż tal-kawża a karigu tal-atturi.»*

5. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet legali***

*Il-Qorti eżaminat il-provi fid-dawl tat-talbiet li qegħdin isiru mill-attur, li għal xi żmien kien direttur tas-soċjetajiet konvenuti, u li istitwixxa dawn il-proċeduri minħabba li qiegħed jippretendi li jingħata kumpens għax-xogħol li hu għamel kemm dam direttur tagħhom. L-argument tal-attur huwa li x-xogħol li twettaq minnu serva ta' benefiċċju għas-soċjetajiet konvenuti, u hu kkontribwixxa b'mod attiv sabiex kiber u ġie arrekkit il-patrimonju tas-soċjetajiet konvenuti. L-attur isostni li huwa għandu jiġi kkumpensat għas-serviġi pprestati minnu tul is-snin li fihom dam bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti, għax minkejja li verbalment kien ġie mwiegħed li ser jitħallas għal dan ix-xogħol, huwa baqa' ma ġiex ikkumpensat. Għandu jiġi rilevat li l-attur għad illi jsostni li huwa kien ġie verbalment inkarigat bħala 'project manager' minn min kien imexxi s-soċjetajiet konvenuti, fix-xhieda tiegħu baqa' ma speċifikax min eżattament kien il-persuna li tah dan l-inkarigu.*

*Il-Qorti semgħet diversi xhieda prodotti mill-atturi, li xehdu dwar ix-xogħol imwettaq mill-attur Emanuel Vella fir-rigward ta' proġett li s-soċjetà Docklands Limited żviluppat f'San Ġwann. L-attur sejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt li bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti, hu kien jieħu ħsieb jikkoordina x-xogħol li kien meħtieġ li jsir, fosthom billi jsib ħaddiema disposti li jaħdmu fuq il-proġett, ikun preżenti fuq is-sit, jara li x-xogħol ikun qiegħed isir kif suppost, jieħu ħsieb il-ħlasijiet dovuti lill-ħaddiema, u qal ukoll li hu saħansitra kien inkarigat isib xerrejja għall-proprjetajiet żviluppati mis-soċjetajiet konvenuti, kif ukoll kien isib proprjetajiet oħrajn li setgħu jiġu żviluppati mis-soċjetajiet konvenuti. L-attur qal li sabiex seta' jinvolvi ruħu fix-xogħol tas-soċjetajiet konvenuti b'dan il-mod, hu ma kompliex bin-negozju personali tiegħu. Qal li kien iqatta' ħafna ħin jaħdem fuq il-proġett ta'*

*San Ġwann, u kien jagħmel ħafna qadi bil-vettura tiegħu u diversi laqgħat u telefonati li tagħhom baqa' qatt ma ġie kkumpensat, minkejja li kien ġie mwiegħed kumpens minn min kien imexxi s-soċjetajiet konvenuti. Qal ukoll li l-persuni l-oħra li kienu involuti fis-soċjetajiet konvenuti, Robert Zammit bħala direttur, u l-azzjonisti l-oħra, ma kinux jinvolvu ruħhom direttament bl-istess mod, u għalhekk kien biss bis-saħħa tax-xogħol imwettaq minnu li l-proġett inkwistjoni seta' jitmexxa 'l quddiem. Madankollu għandu jiġi rilevat ukoll li l-azzjonista fiż-żewġ soċjetajiet konvenuti Gary Clarke, għad li ma kienx ikun fuq is-sit ta' San Ġwann bħall-attur u bħad-direttur l-ieħor Robert Zammit, kien Clarke li refa' l-akbar piż meta ħareġ il-kapital tas-soċjetajiet konvenuti.*

*Il-Qorti qieset kif xhieda oħra prodotti mill-attur ilkoll esprimew il-fehma li l-attur kien hands-on fuq dan il-proġett, filwaqt li l-persuni l-oħra involuti fis-soċjetajiet konvenuti qajla kienu jidhru fuq is-sit. George Gatt, direttur tas-soċjetà Rite-Mix Limited, xehed li wara li l-attur avviċinah u infurmah li s-soċjetà Docklands Limited kellha art f'San Ġwann li xtaqet tiżviluppa, hu kien ħadem fuq dan il-proġett bil-ħaddiema tiegħu. Dan ix-xhud speċifika li hu kellu l-perit tiegħu inkarigat mis-sit, u fuq il-post kien ikun hemm il-foreman li kien jieħu ċerti deċiżjonijiet u kien fuq il-ħaddiema. Dan ix-xhud qal li x-xogħol fuq il-proġett ta' San Ġwann dam madwar sena biex tlesta. Xhud ieħor li tqabbad jagħmel xogħol mill-attur kien Orazio Vella, li xehed li hu għamel xogħol ta' skavar fuq is-sit. Kemm dan ix-xhud kif ukoll George Gatt, ikkonfermaw li l-ħlas għax-xogħol imwettaq minnhom kien sar mill-attur. Ix-xhud Orazio Vella qal ukoll li minkejja li l-attur kien ħadu fuq is-sit tal-Qawra sabiex jurih id-dar li kellha titwaqqa' bil-ħsieb li minflokha jsir żvilupp, din id-dar baqgħet ma twaqqgħetx u l-proġett li kien hemm il-ħsieb li jsir hemmhekk baqa' ma sarx. Jonathan Camilleri u David Calleja, li għamlu xogħol ta' kisi u tibjid fis-sit f'San Ġwann, ukoll xehdu li huma kienu jaraw lill-attur fuq is-sit ta' sikwit, u meta ġew biex jitħallsu, kien hu li ħallashom.*

*Il-Qorti semgħet ukoll lix-xhud Robert Zammit, li kien direttur tas-soċjetajiet konvenuti flimkien mal-attur, li spjega li sabiex sar il-proġett ta' San Ġwann, kien biss l-azzjonist Gary Clarke li ħareġ somma flus bħala kapital. Qal li l-profitti li kellhom jiġu ġġenerati minn dan il-proġett kellhom jinqasmu bejn erba' min-nies, fosthom l-attur, u kien obbligu tiegħu u tal-attur, qua diretturi, li jassiguraw li x-xogħol fuq is-sit isir skont is-sengħa u l-arti. Dan ix-xhud spjega li madankollu l-attur ma kellu ebda inkarigu speċifiku li jkun fuq is-sit jew li jassenja x-xogħol lill-ħaddiema fuq is-sit, għaliex il-kuntrattur li ħadem fuq il-bini kellu l-ħaddiema tiegħu u kellu foreman inkarigat mis-sit. Ix-xhud Robert Zammit enfasizza li l-ftehim bejn il-partijiet kien regolat mill-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetajiet konvenuti li jispeċifikaw il-mod kif għandha ssir id-distribuzzjoni tal-profitti ġġenerati. Dan ix-xhud qal ukoll li l-ħlasijiet li saru mill-attur ġew paċuti ma' flejjes li dan kellu jagħti lil Dockland Limited, u r-raġuni għalfejn l-attur tneħħa minn direttur taż-żewġ soċjetajiet konvenuti kienet għax*

*l-attur kien tilef il-fiduċja tal-azzjonisti ta' dawn iż-żewġ kumpaniji. Qal ukoll li tul ix-xhur li fihom l-attur dam iservi ta' direttur taż-żewġ soċjetajiet konvenuti, hu qatt ma ppreżenta kont jew ressaq xi pretensjoni ta' ħlas, u l-attur kien jaf li fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ma hemm l-ebda stipulazzjoni ta' xi ħlas li kellu jsir lilu bħala 'project manager'.*

*Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Charles Gatt, li ħadem bħala foreman fuq is-sit f'San Ġwann, li qal li minkejja li l-aktar li kien jara fuq is-sit kien lill-attur, kien hemm drabi meta kien jara wkoll lil Robert Zammit.*

*Il-Qorti qieset li l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu għax skont hu għal perjodu ta' tliet snin ippresta serviġi lis-soċjetajiet konvenuti, għal liema serviġi baqa' ma ġiex ikkumpensat. Minkejja li l-attur f'diversi waqtiet tax-xhieda tiegħu qal li l-ħlasijiet ta' wħud mill-ħaddiema li ħadmu fuq il-proġett ta' San Ġwann kienu tħallsu minnu, fil-prospett ippreżentat minnu dwar il-ħlasijiet li huwa jippretendi li għandhom isiru lilu mis-soċjetajiet konvenuti, l-attur ma ressaq l-ebda talba għall-ħlas ta' flus li huwa għamel lil terzi, u tul il-proċeduri ma ġab l-ebda prova sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet li saru minn Robert Zammit, li l-flus li tħallsu mill-attur lill-terzi li ħadmu fuq is-sit, tħallsu minnu bi tpaċija ma' flejjes li huwa kellu jagħti lil Docklands Limited.*

*Għaldaqstant il-Qorti sejra tillimita ruħha għall-konsiderazzjoni ta' dik illi tidher li hija l-unika pretensjoni tal-attur f'din il-kawża, jiġifieri li jingħata kumpens għas-serviġi pprestati minnu tul it-tliet snin li dam bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti. Il-Qorti qieset illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim bil-miktub, li jirregola l-modalità ta' ħlas li kellu jirċievi kull wieħed mill-azzjonisti fis-soċjetajiet konvenuti, jiġifieri l-ħlas ta' 25% tal-profitti ġġenerati mill-kumpaniji, u bejn il-partijiet ma kien hemm ebda ftehim ieħor bil-miktub f'dan ir-rigward. L-attur jgħid li l-pretensjoni tiegħu hi msejsa fuq il-kważi-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet, u hu ħadem bl-intendiment li jitħallas kumpens għax-xogħol imwettaq minnu, anki jekk bejn il-partijiet m'hemm xejn bil-miktub li jirregola dan. Il-Qorti tirrileva li din il-pretensjoni tal-attur mhijiex sostnuta minn evidenza oġġettiva. Hekk pereżempju l-attur jgħid li wieħed mill-inkarigi li kellu kien li jsib proprjetà tajba għall-iżvilupp sabiex tkun tista' tinxtara mis-soċjetajiet konvenuti, iżda jirriżulta mill-provi li l-uniċi żewġ proprjetajiet li nxtraw kienu l-art f'San Ġwann u l-proprjetà fil-Qawra li x-xogħol fuqha kien għadu ma nbediex meta ġiet ippreżentata din il-kawża. Inoltre fiż-żewġ akkwisti kien hemm l-involviment ta' sensara li kienu jafu li hemm din il-proprjetà għall-bejgħ u li offrewha lis-soċjetajiet konvenuti. L-attur ma ġab l-ebda prova ta' kemm kienu jkunu spissi l-mawriet tiegħu fuq is-sit f'San Ġwann, jew b'mod prattiku u fattwali hu x'kien jagħmel hemmhekk, ladarba jirriżulta ampjament ippruvat li fuq is-sit kien hemm kuntrattur bil-ħaddiema tiegħu u kien hemm foreman inkarigat mix-xogħlijiet. Huwa minnu li bħala direttur tas-soċjetà konvenuta l-attur kellu ċerti responsabbiltajiet, uħud minnhom imposti fuqu bil-liġi, iżda b'danakollu ma jfissirx li għax kien ikun fuq is-sit, kif wara kollox kellu*

*l-obbligu li jagħmel jekk ried jassigura li x-xogħol qiegħed isir kif suppost, għandu jedd għal xi ħlas ulterjuri jew ħlas li dwaru ma kienx hemm ftehim. Fix-xhieda tiegħu l-attur diversi drabi qal li sabiex imur fuq is-sit hu kien jaħli l-petrol u juża l-vettura tiegħu, u anki kien jagħmel telefonati a spejjeż tiegħu, iżda tul is-smigħ tal-kawża ma ressaq l-ebda prova ta' kemm sigħat kien jagħmel fuq is-sit, kemm kien l-ammont ta' petrol li ntuża minnu, jew kemm-il telefonata kien jagħmel ta' kuljum dwar dan ix-xogħol. Minn dak li semgħet il-Qorti jidher li ħadd mill-azzjonisti fil-kumpanniji konvenuti għadu ma ħa xejn mis-sehem li kull wieħed minnhom għandu jieħu mill-profitti, minħabba li s'issa l-proġett għadu ma tlestiex. Fost l-inkarigi li l-attur qal li ngħata mis-soċjetajiet konvenuti, kien hemm l-identifikazzjoni ta' persuni interessati li jixtru l-proprjetajiet li ġew żviluppati, iżda mkien ma qal kemm-il persuna avviċina u ħa fuq is-sit, jew kemm kien l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ li ġew konklużi bl-intervent tiegħu.*

*L-attur iddeċieda li jniedi l-proċeduri odjerni wara li rriżulta li minkejja li huwa żamm l-ishma tiegħu fis-soċjetajiet konvenuti u naturalment dawn għandhom il-valur tagħhom, madankollu dawn l-ishma għadhom ma ġewx likwidati u sa issa ma kien hemm l-ebda profitti x'jinqasmu bejn l-azzjonisti, u l-Qorti hija tal-fehma li kien għalhekk li l-attur fetaħ din il-kawża sabiex jiġi kkumpensat b'mod ieħor. Madankollu l-Qorti mhix konvinta li l-attur għandu jedd għal xi forma ta' ħlas, liema ħlas l-attur jippretendi li għandu jkun fis-somma ta' €139,800, ekwivalenti għal LM20,000 għal kull sena li huwa dam bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti, speċjalment meta jirriżulta li x-xogħol ta' kostruzzjoni ġebel u saqaf tal-uniku proġett li s-soċjetajiet konvenuti ħadmu fuqu, dak ta' San Ġwann, kien lest f'madwar sena.*

*F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet* ***Catania v. Agius*** *(P.A. 11.12.2003) f'kawża għall-ħlas ta' serviġi:*

> *«... it-talba għall-ħlas ta' serviġi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Delicata v. Saliba*** *deċiża fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bbażata fuq kważi-kuntratt u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn min jirrendi s-serviġi u l-benefiċjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi: iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li ftit jew wisq inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviżi reżi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt ekwivalenti għax-xogħol li sar iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.»*

*Kif ġie ritenut anki fis-sentenza appena ċċitata, l-istitut tas-serviġi hu bbażat fuq il-kważi-kuntratt, jiġifieri sitwazzjoni fejn hemm "fatt leċitu u volontarju li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin" (L-****artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili****). Fil-każ odjern jirriżulta li bejn il-partijiet fil-kawża kien hemm l-idem placitum consensus jew il-volontà tal-partijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom bil-mod iskritt, u għalhekk teżisti dik ir-rabta kuntrattwali bejniethom li tirregola l-aspetti kollha ta' din ir-relazzjoni, inkluż il-ħlas li kull wieħed mill-partijiet involuti għandu*

> *jieħu, jiġifieri, il-ħlas ta' 25% tal-profitti li jiġu ġġenerati mis-soċjetajiet konvenuti. La fil-Memorandum and Articles tas-soċjetajiet konvenuti u lanqas permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi jew tal-azzjonisti tas-soċjetajiet konvenuti ma kien hemm ftehim dwar rinumerazzjoni għad-diretturi. Barra minn hekk ladarba l-azzjonisti tas-soċjetajiet konvenuti inkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura (ara s-sentenza fl-ismijiet* ***Farrugia v. Piscopo****, App. 31.05.1943,* ***Kollez. Vol.XXXI.i.627****). Il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens tal-attur għal xogħlu għandu jimmaterjalizza ladarba l-ishma tiegħu jiġu likwidati jew ladarba jiġu distribwiti l-profitti ġġenerati mis-soċjetajiet konvenuti, u fin-nuqqas ta' provi mod ieħor, it-talbiet tal-attur m'għandhomx jiġu akkolti.»*

6. L-atturi miżżewġin Vella appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fil-21 ta' Ottubru, 2019, bl-aggravji jkunu dawn: (i) li l-Ewwel Qorti ma messhiex ikkonkludiet li l-verżjoni tal-kumpaniji konvenuti għandha titwemmen aktar minn dik tal-atturi; (ii) li l-Ewwel Qorti għarblet il-fatti u ħaddmet il-liġi b'mod żbaljat meta kkonkludiet li ma hemm ebda kumpens dovut għas-serviġi mwettqa minn Emanuel Vella; u (iii) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta sabet li l-partijiet kienu ftehmu li l-atturi appellanti kellhom jitħallsu għas-serviġi mwettqa minn Emanuel Vella bil-qasma tal-profitti magħmula mill-kumpaniji konvenuti bejn l-azzjonisti tagħha.

7. Il-kumpaniji konvenuti wieġbu għal dan l-appell fis-26 ta' Ottubru, 2023 u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

8. Inżamm smigħ fit-30 ta' Novembru, 2023 u minn hemm il-kawża

tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Qabel tibda biex tqis l-aggravji tal-atturi appellanti, din il-Qorti tirrimarka li għalkemm il-kumpaniji konvenuti ġew notifikati bir-rikors tal-appell fl-1 ta' Novembru, 2019 (ara d-dahar ta' paġna 293 tal-atti tal-kawża), huma għażlu li jressqu t-tweġiba tal-appell tagħhom fis-26 ta' Ottubru, 2023, jiġifieri madwar erba' snin, wara li laqgħu n-notifika tar-rikors tal-appell.

10. Skont l-**Artikolu 144(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif kien jaqra fiż-żmien li sar ir-rikors tal-appell u qabel ma daħal fis-seħħ l-**Att XXXII tal-2021**, il-kumpaniji appellati kellhom għoxrin jum żmien sabiex huma jwieġbu għall-appell tal-atturi appellanti. Dan il-perjodu ta' għoxrin jum skada fil-21 ta' Novembru, 2019. Għandu jiġi mfakkar li t-termini legali huma ta' ordni pubbliku u għalhekk, ġaladarba l-kumpaniji appellati ressqu t-tweġiba tagħhom ferm wara t-terminu perentorju ta' għoxrin jum li kienet issemmi l-liġi dak iż-żmien, din il-Qorti mhijiex sejra tqis is-sottomissjonijiet magħmula fit-tweġiba tagħhom (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ***Paola Galea et v. John Cauchi et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2010, ***C. Fino & Sons Ltd et v Saviour Buttigieg nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell

fit-30 ta' Lulju, 2010 u ***Bettina Vossberg pro et nomine v. Equinox International Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012).

11. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jżommx lil din il-Qorti milli tistħarreġ bir-reqqa l-appell tal-atturi. Wara kollox, in-nuqqas tal-kumpaniji konvenuti li jdaħħlu t-tweġiba tagħhom fiż-żmien li trid il-liġi m'għandux iwassal biex huma jitqiesu li qegħdin jaqblu mal-appell tal-atturi (ara ***Carmen Taliana v. Rita Borg nomine*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-26 ta' Jannar, 2005 u ***Regina Farrugia v. Baron Group Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020).

12. Magħmula din il-parentesi, din il-Qorti serja tgħaddi mill-ewwel biex tqis l-aggravji tal-atturi, fejn essenzjalment huma jilmentaw li l-Ewwel Qorti għarblet il-fatti u ħaddmet il-liġi li tgħodd għal dan il-każ b'manjiera żbaljata.

13. Fl-**ewwel aggravju** tagħhom l-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta kkonkludiet li l-verżjoni mogħtija mill-kumpaniji konvenuti għandha titwemmen aktar minn dik mogħtija minnhom. Bħala raġunijiet għal dan l-ilment tagħhom huma jgħidu li: (i) il-kumpaniji konvenuti laqgħu għat-talbiet tagħhom billi għamlu numru ta'

allegazzjonijiet ta' fatt; (ii) li l-piż tal-prova dwar l-allegazzjonijiet magħmula mill-kumpaniji konvenuti kien jaqa' fuqhom; (iii) li l-kumpaniji konvenuti baqgħu ma ppruvawx l-allegazzjoni tagħhom li Emanuel Vella ħallas minn butu xi pagamenti li kienu dovuti mill-kumpaniji konvenuti biex jaqta' d-dejn li huwa kellu magħhom; (iv) li għalkemm Robert Zammit, li bħall-attur Emanuel Vella kien direttur tal-kumpaniji konvenuti, sostna li dawn tal-aħħar kienu kisbu proprjetà f'San Ġwann bl-intervent tiegħu wara li huwa tkellem ma' ċertu Kevin Camilleri, il-kuntratt ta' akkwist relattiv jindika lil James Abela bħala sensar; (v) li għalkemm Robert Zammit saħaq li huwa kien imur fuq il-lant tax-xogħol, ma kien hemm ebda xhud indipendenti li kkorrobora din l-allegazzjoni; (vi) li diversi xhieda kienu kkonfermaw li l-attur Emanuel Vella kien spiss imur jindokra x-xogħlijiet li saru għall-kumpaniji konvenuti; u (vii) li l-kumpaniji konvenuti baqgħu ma għelbux il-piż tal-prova li s-serviġi mwettqa minn Emanuel Vella saru mingħajr l-intenzjoni li huwa jitħallas tagħhom.

14. Imbagħad, fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħhom l-atturi jisħqu li l-Ewwel Qorti ma messhiex kkonkludiet li ma hemm ebda kumpens dovut lilhom għas-serviġi li Emanuel Vella wettaq lill-kumpaniji konvenuti. Itennu li: (i) l-isforzi magħmula minn Emanuel Vella saru kemm bil-għan li huwa jiġi kkumpensat kif jixraq għalihom u kif ukoll bil-għan li jikber il-patrimonju tal-kumpaniji konvenuti; (ii) li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin meta ċaħdet it-talbiet tagħhom minħabba li ma kienx hemm ftehim li Emanuel

Vella jiġi kkumpensat għas-serviġi mwettqa minnu għaliex skont il-liġi u l-ġurisprudenza, il-jedd ta' kumpens għal serviġi jitwieled anke jekk ma jkunx hemm ftehim dwaru, jekk kemm-il darba miċ-ċirkostanzi tal-każ ikun jidher li hemm ħlas dovut; (iii) li skont numru ta' sentenzi tal-qrati tagħna, il-preżunzjoni hija li s-serviġi ma jsirux bla ħlas u huwa min jallega li x-xogħol sar b'xejn – f'dan il-każ, il-kumpaniji konvenuti - li jrid iġib provi tajbin biżżejjed biex iwaqqa' din il-preżunzjoni; (iv) li l-kumpaniji konvenuti ma ressqu l-ebda prova biex isostnu l-pożizzjoni tagħhom li s-serviġi mwettqa minn Emanuel Vella saru bla ħlas; (v) li l-fatt waħdu li l-paga ta' Emanuel Vella mhijiex ikkontemplata fil-memorandum u fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpaniji konvenuti mhuwiex biżżejjed biex jegħleb il-preżunzjoni li huwa għandu jiġi kkumpensat għas-serviġi mwettqa minnu għaliex mhijiex il-funzjoni ta' dawn l-atti kostituttivi tal-kumpaniji li jipprovdu għall-ħlas tad-diretturi u tal-impjegati tagħhom; (vi) li fis-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Schembri et v. Aldo Busuttil et***, li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2003, xogħol simili għal dak li wettaq l-attur Emanuel Vella ġie meqjus li jissarraf f'lokazzjoni ta' opra; (vii) li l-fatt li Emanuel Vella kien direttur tal-kumpaniji konvenuti meta wettqilhom is-serviġi mhuwiex rilevanti għaliex il-pożizzjoni okkupata minn direttur ta' kumpanija ma tkunx fuq bażi volontarja għaliex b'mod ġenerali d-direttur jitħallas ta' xogħlu; (viii) li l-fatt li Gary Clarke kien ħareġ il-kapital biex il-kumpaniji konvenuti jibdew iwettqu l-proġetti li kellhom pjanati m'għandux rilevanza għaliex huwa sejjer jiġbor lura l-flejjes li

ħareġ minn butu qabel jinqasmu l-profitti bejn l-azzjonisti tal-kumpaniji konvenuti; (ix) li anke l-attur Emanuel Vella kien għen lill-kumpaniji konvenuti finanzjarjarment billi pprovda xi immobbli li kienu proprjetà tiegħu u ħallas lill-elektrixin u lill-ħaddiema li wettqu x-xogħol ta' skavar u l-kisi tal-garaxxijiet; (x) li l-fatt li Emanuel Vella għandu interess personali fis-suċċessi tal-kumpaniji konvenuti mhuwiex rilevanti u ma jnaqqas xejn mid-dritt tiegħu li jitlob kumpens għas-serviġi li wettaq għaliex li kieku ma kienx hemm hu, il-kumpaniji konvenuti kien ikollhom jimpjegaw lil xi ħadd biex iwettaq ix-xogħlijiet li għamel hu; u (xi) li fl-agħar ipoteżi, fid-dawl tal-interess personali li għandu Emanuel Vella fil-kumpaniji konvenuti, l-Ewwel Qorti messha naqqset l-ammont mitlub mill-atturi *arbitrio boni viri* minflok ikkonkludiet li ma hemm ebda kumpens dovut.

15. L-atturi jagħlqu bit-**<u>tielet aggravju</u>** tagħhom fejn jilmentaw li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata li l-partijiet kellhom bejniethom ftehim li l-atturi appellati kellhom jitħallsu għas-serviġi mwettqa minn Emanuel Vella bil-qasma tal-profitti magħmula mill-kumpaniji konvenuti bejn l-azzjonisti tagħha. Jisħqu li dan il-ftehim jinvolvi lill-attur Emanuel Vella bħala azzjonist u mhux bħala direttur tal-kumpaniji konvenuti, u għalhekk mhuwiex rilevanti għall-kumpens li għandhom jirċievu l-atturi għax-xogħol magħmul minn Emanuel Vella bħala direttur. Jissoktaw jgħidu li wieħed irid jagħraf bejn il-kumpanija, l-azzjonisti tagħha, id-diretturi tagħha u l-impjegati tagħha, u li l-ħlas dovut lil

Emanuel Vella f'dak il-ftehim jirrigwarda lilu biss fil-kappell tiegħu ta' azzjonist. Itennu li l-pożizzjoni ta' azzjonist hija indipendenti minn dik ta' direttur u li f'dan il-każ Emanuel Vella huwa intitolat li jitħallas 25% tal-profitti bħala azzjonist u kif ukoll għas-serviġi li twettqu minnu bħala direttur, mandatarju, rappreżentant u lokatur ta' opra tal-kumpaniji konvenuti.

16. Peress li dawn l-ilmenti tal-atturi appellanti huma lkoll marbuta flimkien u għandhom l-istess għan, jiġifieri li l-atturi jitħallsu għax-xogħlijiet li twettqu minn Emanuel Vella matul iż-żmien li huwa dam jokkupa l-kariga ta' direttur fi ħdan il-kumpaniji konvenuti, din il-Qorti tħoss li huwa xieraq li dawn jitqiesu flimkien, anke biex tiġi evitata r-ripetizzjoni ta' argumenti.

17. Minn qari tal-atti jirriżulta li l-attur Emanuel Vella għamel xi żmien bejn is-snin 2007 u 2010 jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpaniji konvenuti. Fl-istess żmien huwa kien ukoll azzjonist ta' dawn il-kumpaniji fis-sehem ta' 25%, liema sehem huwa baqa' jżomm anke wara li ma baqax direttur tagħhom.

18. L-atturi jisħqu li matul iż-żmien li Emanuel Vella dam direttur, huwa wettaq numru ta' servizzi u xogħljiet fl-interess tal-kumpaniji konvenuti bil-ħsieb li huwa jitħallas għal dan ix-xogħol. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-

kumpaniji konvenuti laqgħu għat-talbiet tal-atturi billi tennew li Emanuel Vella qatt ma tqabbad minnhom biex iwettqilhom xi xogħlijiet. Issoktaw jgħidu li dak li wettaq l-attur Emanuel Vella kien jikkonsisti biss f'amministrazzjoni ordinarja li hija mistennija minn direttur ta' kumpanija privata, u li l-azzjonisti tal-kumpaniji konvenuti kienu ftehmu bejniethom li ebda wieħed mill-azzjonisti ma kellu jirċievi xi dħul min-negozju tal-kumpaniji għajr sehmu mill-profitti li dawn ikunu għamlu.

19. Meqjus dan, l-istħarriġ li jeħtieġ li jiġi mwettaq minn din il-Qorti huwa dwar jekk matul il-kariga tiegħu bħala direttur tal-kumpaniji konvenuti, l-attur Emanuel Vella wettaqx xi xogħol li tiegħu jistħoqqlu jitħallas, u dan fid-dawl tal-aggravji mressqa mill-atturi.

20. Illi kif jgħid tajjeb il-**Professur Andrew Muscat** fl-opra tiegħu, ***Principles of Maltese Company Law***, mitbugħ mill-Malta University Press fl-2019, f'paġna 29, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kumpaniji Maltin kif misjuba fl-**Att dwar il-Kumpaniji** huma mmudellati fuq il-***UK Companies Act 1985***, kif emendati bil-***UK Companies Act 1989***. Għalhekk, ikun xieraq li wieħed jara xi jgħidu awturi Ingliżi dwar il-ħlasijiet li jistgħu jkunu dovuti lil direttur ta' kumpanija, billi ma jirriżultax li hemm xi ġurisprudenza Maltija li messet sew fuq din il-materja.

21. Skont id-dritt Ingliż, il-fatt waħdu li persuna tkun fil-kariga ta' direttur

ta' kumpanija ma jagħtihiex il-jedd li tirċievi xi ħlas mingħand il-kumpanija bħala kumpens għall-irwol tagħha. Madankollu, l-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpanija jistgħu jipprovdu li waqt il-laqgħa ġenerali, il-kumpanija tista' tiddetermina x'għandu jkun il-ħlas li għandhom jirċievu d-diretturi tagħha. Fil-prattika, id-determinazzjoni ta' x'għandu jkun il-ħlas li jirċievu d-diretturi eżekuttivi (*executive directors*) għas-servizzi tagħhom, taqa' f'idejn il-bord tad-diretturi tal-kumpanija; għalkemm naturalment dan jagħti lok għal kunflitt ta' interess qawwi fejn id-diretturi jispiċċaw jiddeċiedu dwar il-paga tagħhom stess. Is-sitwazzjoni hija ferm eħfef f'kumpaniji pubbliċi kbar, fejn l-irwol tad-determinazzjoni tal-pagi tad-diretturi huwa normalment fdat lill-kumitat dwar il-pagi (*remuneration committee*) magħmul prinċipalment minn diretturi mhux eżekuttivi (*non-executive directors*) (ara ***Farrar's Company Law***, **J.H. Farrar & B.M. Hannigan**, ir-raba' edizzjoni, mitbugħ minn Butterworths fl-1998, f'paġni 338 u 339).

22. Il-Qorti tagħraf ukoll li f'kumpaniji pubbliċi jew kumpaniji privati ta' ċertu kobor, id-diretturi eżekuttivi ġeneralment jidħlu f'kuntratti ta' servizz mal-kumpaniji. Dawn il-kuntratti normalment jipprovdu għall-paga tad-diretturi, għat-tul ta' żmien tal-kuntratt u għall-kumpens li jkun dovut lilhom jekk kemm-il darba huma jitneħħew mill-kariga tagħhom. F'kumpaniji privati x'aktarx żgħar, bħalma huma l-kumpaniji konvenuti, id-diretturi mhux bilfors ikollhom kuntratti ta' servizz espressi u minflok jistrieħu aktar

fuq ftehimiet informali. Madankollu, skont l-awtriċi **Brenda Hannigan** (ara l-ktieb tagħha, ***Company Law*** mitbugħ minn LexisNexis, Butterworths fl-2003), din il-prattika għandha tiġi evitata minħabba li tista' tkun il-kawża ta' ħafna tilwimiet fil-qrati (ara wkoll ***Lloyd v. Casey*** [2002] 1 BCLC 454).

23. **Hannigan** tissokta tfisser li fl-assenza ta' kuntratt, id-direttur ma jistax jistrieħ fuq l-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpanija u jqishom bħala kuntratt imwettaq mal-kumpanija biex jitħallas ta' xogħlu; madankollu jaf ikun possibbli għalih li jiftaħ kawża biex jirċievi ħlas fuq is-saħħa ta' kuntratt estrinsiku u impliċitu (*implied extrinsic contract*). Spjegat ukoll li b'mod eċċezzjonali, direttur jista' jmexxi kontra l-kumpanija biex huwa jirċievi ħlas ġust, fuq il-bażi ta' *quantum meruit* (i.e. l-ammont li wieħed jistħoqqlu), għas-servizzi li jkun wettaq u li jkunu ġew aċċettati mill-kumpanija, jew biex jirċievi kumpens xieraq (*equitable allowance*); madankollu **Hannigan** tikteb li l-Qrati Ingliżi jsibuha bi tqila biex jilqgħu talbiet bħal dawn.

24. Dan hu hekk għaliex persuna maħtura bħala direttur f'kumpanija hija prekluża milli tidħol f'kuntratt mal-istess kumpanija dwar is-servizzi tagħha ta' direttur, sakemm ma jkunx hemm provdut għal daqshekk fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpanija. Bl-istess mod, id-diretturi ta' kumpanija ma jistgħu jirċievu ebda ħlas għas-servizzi tagħhom ħlief fil-limiti li jkunu mniżżla fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpanija. Kieku kien

mod ieħor, id-direttur jista' jiġi mħeġġeġ li jpoġġi lilu nnifsu f'ċirkostanza fejn ikun hemm kunflitt dirett bejn l-interessi personali tiegħu u bejn id-dmir tiegħu ta' fiduċjarju tal-kumpanija (ara paġna 339 ta' ***Farrar's Company Law***, paġna 259 ta' ***Company Law*** miktub minn **Brenda Hannigan** u s-sentenza ***Guinness plc v. Saunders*** [1990] 1 All ER 652).

25. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, din il-Qorti tqis li l-azzjonisti tal-kumpanija konvenuta, fosthom l-attur Emanuel Vella, waqqfu l-kumpaniji konvenuti sabiex jirregolaw in-negozju ta' bejniethom. Il-Qorti fliet l-atti, u mkien ma jirriżultalha li kien hemm xi ftehim bil-miktub bejn l-azzjonisti nfushom (*shareholders' agreement*) jew bejn il-kumpaniji konvenuti u d-diretturi tagħha; għalkemm fir-rikors tal-appell tagħhom, l-atturi jirrikonoxxu: (i) li l-azzjonist Gary Clarke kien ħareġ il-maġġor parti tal-kapital meħtieġ għall-proġetti li kellhom f'moħħhom li jwettqu l-kumpaniji konvenuti, u li dan kellu jiġbor lura l-flejjes li ħareġ qabel jitqassmu l-profitti bejn l-azzjonisti (ara paragrafu 9.9. tar-rikors tal-appell); u (ii) li bejn il-partijiet hemm ftehim li l-azzjonisti tal-kumpaniji konvenuti għandhom jipparteċipaw fil-profitti li jagħmlu l-kumpaniji konvenuti fis-sehem ta' 25% kull wieħed (ara paragrafu 10.2 tar-rikors tal-appell).

26. Sewwasew, l-uniċi dokumenti fl-atti li wieħed jista' jqis li ġew

imħejjija bi qbil bejn l-azzjonisti hawn fuq imsemmija huma l-memorandum u l-artikoli tal-assoċjazzjoni taż-żewġ kumpaniji konvenuti. Dawn id-dokumenti tal-inkorporazzjoni tal-kumpaniji konvenuti ma jsemmux li għandu jkun hemm xi kumpens dovut lid-diretturi tagħhom għas-servizzi li jkunu taw lill-kumpaniji. Jgħidu biss li d-diretturi jistgħu jokkupaw kariga oħra fi ħdan il-kumpaniji, barra minn dik ta' awditur, skont dawk il-kundizzjonijiet u l-ħlas li jiddeċiedi l-bord tad-diretturi.

27. Kif rajna aktar 'il fuq, id-diretturi ta' kumpanija ma jistgħu jirċievu ebda ħlas għas-servizzi tagħhom ħlief fil-limiti li jkun hemm imniżżla fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpanija. F'dan il-każ, l-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpaniji konvenuti ma jsemmu xejn dwar il-pagi tad-diretturi u jipprovdu biss għal ħlas lid-diretturi tagħhom jekk kemm-il darba dawn ikunu jokkupaw xi kariga oħra fl-istess kumpaniji, u dan dejjem skont kif jiddeċiedi l-bord tad-diretturi.

28. L-artikoli tal-assoċjazzjoni rilevanti taż-żewġ kumpaniji konvenuti huma identiċi u jaqraw kif ġej:

> *«A director may hold any other office or place of profit under the Company other than that of Auditors on such terms as to remuneration and otherwise as the Board of Directors may determine.»*

29. Issa għalkemm l-atturi jisħqu li Emanuel Vella wettaq numru ta' servizzi lill-kumpaniji konvenuti bħala institur tal-proġetti (*project manager*), waqt is-smigħ tal-provi ma rriżultax li kien hemm xi deċiżjoni

tal-bord tad-diretturi jew xi riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali li ħatritu f'xi kariga bi profitt, u lanqas sar xi kuntratt ta' servizz f'dan is-sens bejnu u bejn il-kumpaniji konvenuti.

30. Dan ifisser li l-irwol tal-attur Emanuel Vella fi ħdan il-kumpaniji konvenuti kien biss dak li jaqdi d-dmirijiet ġenerali ta' direttur ta' kumpanija, kif misjuba fl-**Artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpaniji**, b'mod partikolari, (i) it-tmexxija 'l quddiem tal-ġid tal-kumpaniji konvenuti, (ii) it-tmexxija ġenerali tal-kumpaniji konvenuti u tal-amministrazzjoni tagħhom, u (iii) l-indukrar ġenerali tal-affarijiet tagħhom (ara s-**subinċiż (2)** tal-**Artikolu** hawn fuq imsemmi). Irwol li għalih l-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpaniji konvenuti ma jaħsbu għal ebda ħlas, u għalhekk Emanuel Vella ma jistax jippretendi li jitħallas tiegħu.

31. Kemm hu hekk, għalkemm fl-appell tagħhom l-atturi jisħqu bil-ħrara li Emanuel Vella wettaq nurmu ta' serviġi fl-interess tal-kumpaniji konvenuti, minn għarbiel tajjeb tal-provi, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li Emanuel Vella wettaq xi doveri jew servizzi li jmorru lil hemm mid-dmirjiet ġenerali hawn fuq imsemmija. Imbilli l-attur jgħid li huwa kien ħa ħsieb li jindokra xi proġetti tal-kumpaniji konvenuti, fosthom: (i) billi sab żewġ proprjetajiet li kienu tajbin għall-iżvilupp bl-intervent ta' sensara; (ii) billi ra li jinkisbu l-permessi biex ikun jista' jsir żvilupp fuqhom, (iii) billi qabbad lill-ħaddiema biex isiru x-xogħlijiet ta' żvilupp fuq dawn il-proprjetajiet; (iv)

billi kien ta' kultant imur fuq is-siti mixtrija biex jara kif kienu mexjin ix-xogħlijiet waqt li kien għaddej l-iżvilupp; u (v) billi ħa ħsieb juri l-proprjetajiet lil min kien interessat li jixtrihom, dan ma jfissirx li huwa ħareġ 'il barra mill-funzjonijiet ġenerali tiegħu ta' direttur.

32. Wara kollox, fuq is-siti fejn kien qiegħed isir l-iżvilupp kien ikun hemm dejjem raġel inkarigat mill-ħaddiema (*foreman*). Barra minn hekk, ma jirriżultax li Emanuel Vella kien qiegħed iwettaq dan ix-xogħol kollu waħdu. Fil-fatt, bil-maqlub ta' dak li jisħqu l-atturi fir-rikors tal-appell tagħhom, il-*foreman*, Charles Gatt, xehed li d-diskussjonijiet dwar l-appalt fuq is-sit ta' San Ġwann kienu jsiru kemm ma' Emanuel Vella u kif ukoll ma' Robert Zammit, li wkoll kien direttur u azzjonist tal-kumpaniji konvenuti u kultant kien ukoll imur biex jispezzjona x-xogħlijiet.

33. Tassew, din il-Qorti ma tistax tqis l-attivitajiet hawn fuq imsemmija bħala serviġi mwettqa minn Emanuel Vella li jistħoqqilhom kumpens. In-negozju tal-kumpaniji konvenuti kien prinċipalment jinvolvi x-xiri, il-bejgħ u l-iżvilupp ta' proprjetajiet immobbli, u għalhekk l-attivitajiet imwettqa minn Emanuel Vella kienu jagħmlu parti mid-dmirijiet ta' Emanuel Vella fit-tmexxija ġenerali u fl-amministrazzjoni tal-kumpaniji konvenuti u ma kinux servizzi li għalihom l-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpaniji konvenuti jikkontemplaw xi ħlas.

34. Għalhekk, ladarba din il-Qorti qiegħda ssib li l-attur Emanuel Vella ma wettaq ebda serviġi speċjali lill-kumpaniji konvenuti, jaqa' kull argument imressaq mill-atturi fl-appell tagħhom biex huma jirċievu kumpens mingħand l-istess kumpaniji.

35. Irid jingħad li jekk kemm-il darba, f'dawk it-tliet snin li l-attur Emanuel Vella dam direttur tal-kumpaniji konvenuti, huwa kien tal-fehma li ma kienx qiegħed jiġi kkumpensat kif jixraq għax-xogħol li kien qiegħed iwettaq, it-triq li kellu jieħu kienet sewwasew li jiddiskuti l-pożizzjoni tiegħu mad-direttur l-ieħor, Robert Zammit, u jipperswadieh biex fil-funzjoni tagħhom ta' diretturi tal-kumpaniji, huma jieħdu deċiżjoni fejn jaħtru lill-attur f'kariga oħra bi ħlas fi ħdan il-kumpaniji konvenuti.

36. Fid-dawl ta' dak li jgħidu l-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpaniji konvenuti, kien biss b'dan il-mod li l-attur seta' jirċievi xi ħlas mingħand il-kumpaniji konvenuti. Madankollu, minn dak li jirriżulta mill-atti, l-attur qatt ma għamel xi talba għal ħlas matul iż-żmien kollu li huwa dam direttur u l-pretensjonijiet tiegħu biex jitħallas ressaqhom biss wara li huwa spiċċa mill-kariga tiegħu.

37. Terġa' u tgħid, mill-atti jirriżulta li l-attur Emanuel Vella huwa azzjonist fil-kumpaniji konvenuti fis-sehem ta' 25%, u għalhekk ma jistax jitqies li l-attivitajiet li huwa wettaq kienu biss fl-interess tal-kumpaniji

konvenuti għaliex eventwalment, meta jitħallsu d-dividendi, huwa sejjer ikollu sehem mill-profitti magħmula mill-istess kumpaniji. Huwa minnu li r-regola ġenerali hi li d-doveri tad-direttur ta' kumpanija għandhom jitwettqu fl-interess massimu tal-kumpanija nnifisha u mhux dik tal-membri individwali tagħha (ara s-sentenzi fl-ismijiet ***Michael J. Falla v. John H. Sorotos*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-13 ta' Marzu, 1976 u ***Charles Sant Fournier v. Philip Attard Montalto*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2001). Dan għaliex il-kumpanija hija persuna ġuridika separata mill-membri li jkunu s-sidien tagħha. Madankollu, fil-każ tagħna, iż-żewġ diretturi tal-kumpaniji konvenuti, fosthom l-attur Emanuel Vella, kienu wkoll membri tagħhom, u b'hekk, il-konsegwenza loġika ta' dan hija li ż-żewġ diretturi kienu qegħdin imexxu n-negozju kemm fl-interess tal-kumpaniji nfushom u kif ukoll fl-interess personali tagħhom għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma kienu sejrin igawdu mill-qligħ li jagħmlu l-kumpaniji.

38. Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li f'dan il-każ, il-kumpaniji konvenuti ġew maħluqa biex il-membri tagħhom jirregolaw in-negozju ta' bejniethom. Jidher li l-membri involuti lkoll kkontribwew bil-mod tagħhom għal dan in-negozju. Kemm hu hekk, wieħed mill-membri tagħhom, Gary Clarke, ħareġ il-kapital biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jibdew jaħdmu (bil-ħsieb li jiġbru lura ġaladarba l-kumpaniji jibdew jagħmlu l-profitti u qabel dawn il-profitti jitqassmu bejn il-membri kollha), filwaqt li Emanuel Vella u Robert

Zammit inħatru diretturi biex jamministraw in-negozju tal-kumpaniji.

39. Meqjus dan, din il-Qorti temmen bis-sħiħ il-verżjoni tal-kumpaniji konvenuti li bejn il-membri kien hemm ftehim li ebda wieħed minnhom ma kellu jirċievi xi dħul min-negozju tal-kumpaniji għajr sehmu mill-qligħ li jiġi ġġenerat. Għalhekk, kif irraġunat tajjeb l-Ewwel Qorti, l-atturi ma jistgħu jippretendu ebda kumpens mingħand il-kumpaniji konvenuti għajr sehemhom mid-dividendi ġaladarba dawn jitqassmu bejn il-membri tal-kumpaniji.

40. Fl-aħħar nett, dwar l-ilment tal-atturi li l-kumpaniji konvenuti baqgħu ma ppruvawx l-allegazzjoni tagħhom li Emanuel Vella ħallas minn butu xi pagamenti li kienu dovuti minnhom lil terzi, bil-għan li huwa jaqta' d-dejn li kellu mal-istess kumpaniji, jingħad li fir-rikors maħluf tagħhom, l-atturi ma ressqu l-ebda talba biex jiġbru lura xi ħlasijiet li huma wettqu f'isem il-kumpaniji konvenuti. Il-kawża nfetħet mill-atturi biex huma jitħallsu għas-servizzi mwettqa minn Emanuel Vella u mhux biex jiġbru xi flejjes li ħarġu f'isem il-kumpaniji konvenuti. B'hekk din il-Qorti ma tara ebda ħtieġa li tqis dan l-ilment tal-atturi, ladarba dan joħroġ 'il barra mill-parametri tal-azzjoni tagħhom.

41. Fid-dawl ta' dan kollu, it-tliet aggravji tal-atturi qegħdin ilkoll jiġu miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-atturi Emanuel u Rita miżżewġin Vella, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da